MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2010

Citazzjoni Numru. 1183/2005

**Id-Direttur ta' l-Artijiet u l-Fondazzjoni tal-Konkatidral ta' San Gwann**

***kontra***

**Albert Fenech**

**Il-Qorti –**

**Rat** ic-citazzjoni prezentata fit-12 ta' Dicembru 2005 li taqra hekk –

*Premess illi permezz ta' skrittura datata 5 ta' Lulju 1950, il-Gvern kien ikkonceda permezz ta' kiri, il-fond 210C, Triq il-Merkanti, Valletta, lil John Fenech, missier il-konvenut (Dok EC1), liema kirja susegwentement ghaddiet ghand il-konvenut Albert Fenech, nhar it-22 ta' Jannar 1972 (Dok EC2).*

*Premess illi l-konvenut minghajr il-kunsens ta' l-atturi, ghamel xogholijiet ta' skavar u thammil fl-imsemmi fond, liema xoghlijiet estendew sa taht il-Konkatidral ta' San Gwann, u kkagunaw hsarat lill-istess proprjeta', u proprjeta' adjacenti inkluz l-istess Konkatidral ta' San Gwann (Dok EC3 sa Dok EC5).*

*Premess illi permezz ta' kuntratt pubbliku datat 31 ta' Lulju 2001, in atti n-Nutar Dottor Franco Pellegrini, l-amministrazzjoni tal-Konkatidral ta' San Gwann, u l-propjeta' kollha tal-madwar, ghaddiet f'idejn il-Fondazzjoni tal-Konkatidral ta' San Gwann (Dok EC6).*

*Premess illi l-attur Direttur ta' l-Artijiet, gie rinfaccjat b'Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq, mahrug nhar is-7 ta' Settembru 2005, mill-Awtorita' dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, dwar ix-xoghlijiet li kienu qed isiru fil-fond 210C, Triq il-Merkanti, Valletta (Dok EC7).*

*Premess illi in vista' ta' dan, l-attur Direttur ta' l-Artijiet, bhala sid tal-fond 210C, Triq il-Merkanti, Valletta, kien kostrett illi jitlob il-hrug ta' mandat ta' Inibizzjoni (Rikors numru 1798/2005GC) li gie akkordat finalment nhar id-29 ta' Novembru 2005 (Dok EC8).*

*Premess illi l-agir tal-konvenut ikkaguna danni lill-atturi, stante illi kkaguna hsara fuq propjeta' tal-Gvern, u anke fuq il-Konkatidral ta' San Gwann, liema hsara jinhtieg illi tigi rimedjata.*

*Jghid ghalhekk il-konvenut, l-ghaliex ghar-ragunijiet premessi, din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex :-*

*1. Tiddikjara illi l-agir tal-konvenut ikkaguna danni lill-atturi, u ghalhekk huwa responsabbli ghal dawn id-danni, jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi.*

*2. Tiddikjara liema huma r-riparazzjonijiet necessarji sabiex l-imsemmija hsarat jigu rimedjati, jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi.*

*3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex, fi zmien qasir u perentorju u bl-ispejjez a karigu ta' l-istess konvenut, jaghmel ir-riparazzjonijiet necessarji sabiex jirrimedja l-istess hsarat, taht is-sorveljanza ta' periti nominandi u taht kwalunkwe provvediment li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun li ghandha timponi.*

*4. Tawtorizza lill-atturi sabiex, fil-kaz illi l-konvenut, ghal kwalsiasi raguni, jonqos li jottempera ruhu ma' l-ordni ta' din l-Onorabbli Qorti skond it-tielet talba, jaghmlu l-istess tiswijiet huma, u dan a spejjez tal-konvenut, taht is-sorveljanza ta' periti nominandi u taht kwalunkwe provvediment li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun li ghandha timponi.*

*5. Tinibixxi permanentement lill-konvenut milli jaghmel hsarat fil-proprjeta' ta' l-atturi.*

*Bl-ispejjez, kontra l-konvenut, inkluzi dawk tal-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni (Rikors Numru 1798/2005GC), li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.*

**Rat** id-dikjarazzjoni guramentata, il-lista tax-xhieda attrici u l-elenku tad-dokumenti esebiti.

**Rat** in-nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata fil-<u>25 ta' Jannar 2006</u> li taqra hekk –

*1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li kwalunkwe xogholijiet li saru ma kkagunawx il-hsarat allegati fil-fond 210C, Triq il-Merkanti, Valletta u lanqas lill-proprjetajiet adjacenti ;*

*2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi mil-Ligi.*

**Rat** id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda ndikati minnu.

**Rat** li l-attur Direttur tal-Artijiet iddikjara l-gheluq tal-provi tieghu fl-udjenza tad-29 ta' Jannar 2007 (fol 109).

**Rat** li l-Fondazzjoni attrici ddikjarat l-gheluq tal-provi taghha fl-udjenza tal-25 ta’ April 2007 (fol 126).

**Rat** id-digriet ta’ din il-Qorti (diversament presjeduta) tas-17 ta’ Marzu 2008 (fol 179) fejn hatret lill-Perit Joseph Ellul Vincenti *sabiex jezamina r-rapporti pprezentati mill-atturi, jisma’ x’ghandhom xi jghidu il-konvenuti dwar dawn ir-rapporti, u wara li jezamina x-xhieda li tinsab fil-process, jekk ikun il-kaz, jirrelata ulterjorment dwar il-hsarat kagunati.*

**Rat** ir-relazzjoni tal-perit tekniku li kienet mahlufa fid-19 ta’ Novembru 2008 (fol 185).

**Rat** id-domandi in eskussjoni tal-perit tekniku prezentati bil-miktub mill-konvenut fil-11 ta’ Marzu 2009 (fol 208 u 209).

**Rat** it-twegibiet bil-miktub tal-perit tekniku ghad-domandi in eskussjoni li kienu prezentati fis-16 ta’ Marzu 2009 (fol 211 sa 217).

**Rat** li fl-udjenza tal-21 ta’ April 2009 (fol 221) il-partijiet ikkonfermaw li ma kellhomx aktar provi xi jressqu u talbu li jittrattaw il-kawza.

**Rat** in-nota tal-fondazzjoni attrici prezentata fid-19 ta’ Mejju 2010 fejn iddikjarat li kienet qed tirrimetti ruhha ghar-rapport tal-perit tekniku.

**Rat** in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-atturi prezentata fit-23 ta’ Gunju 2009 (fol 225 u 226).

**Rat** in-nota ta’ sottomissjonijiet responsiva tal-konvenut prezentata fis-6 ta’ Ottubru 2009 (fol 237 sa 239).

**Rat** il-verbal tal-partijiet fl-udjenza tas-16 ta’ Novembru 2009 fejn talbu sabiex il-kawza tibqa’ ghas-sentenza.

**Qieset** il-provi li ressqu l-partijiet.

**Rat** l-atti kollha tal-kawza.

**Rat** id-digriet moghti fl-udjenza tas-16 ta’ Novembru 2009 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

**Ikkunsidrat –**

**L-Analizi tal-Provi**

Din l-azzjoni saret wara li l-atturi sabu li kien intrema’ terrapin u gebel go xelter li taccedi ghalih mill-Ministeru tas-Sahha sitwat fi Triq il-Merkanti, Valletta. L-allegazzjoni tal-atturi hija li l-konvenut, kerrej ta’ hanut fi Triq il-Merkanti, Valletta, kantuniera ma’ Pjazza San Gwann, ghamel xogholijiet fil-kantini ta’ l-hanut, b’mod li x-xogholijiet skonfinaw u estendew ghal taht il-Konkatidral ta’ San Gwann, u l-proprjeta’ tal-madwar, xogholijiet li anke ghamlu hsarat fis-sottoswol, in partikolari fil-bir, forma ta’ qanpiena, li qieghed taht il-funtana maghrufa bhala il-‘Funtana ta’ l-Unicorn’.

Irrizulta li l-konvenut kien qed jaghmel xogholijiet ta’ skavar u anke tqattigh ta’ blat sabiex ikun jista’ jirbah aktar spazju fil-katina ta’ taht il-hanut li kien jikri minghand id-Dipartiment ta’ l-Artijiet. Irrizulta li ma kienx applika ghal permess minghand il-MEPA sabiex jezegwixxi x-xogholijiet, kif ikkonferma Duncan Fenech, iben il-konvenut, li xehed li permess ma kellux ghaliex, skond ix-xhud, kull ma kien qed jaghmel kien illi jnehhi t-terrapin mill-kantina.

Dr Claude Busuttil, Segretarju Ezekuttiv tal-Fondazzjoni attrici, xehed illi saru jafu li kien qed isir xi xoghol bil-lejl u huwa qabbad lil Maurice Grixti, Security Officer, sabiex jistharreg. Busuttil xehed illi riedu jaraw mnejn kien gej il-hoss ta’ jigger. Meta mbaghad indunaw li kien gej mill-hanut mikri lill-konvenut, saret spezzjoni ; ikompli ighid hekk - ‘*imbaghad inzilna meta gew in-nies tal-MEPA biex naraw x’kien qed jigri u rajna tifrik u tkissir u thaffir li mbaghad irrizulta li ma kienx hemm permess ghalih*’ (fol. 111). Busuttil kompla jixhed li Dr Ray Bondin, li kien responsabbli mill-Valletta Rehabilitation Project, kien

ilmenta mal-Fondazzjoni ghax kien qed jikkontendi li fil-passaggi tax-shelters li jghaddu minn taht Strada Merkanti kien instab hafna terrapin (ara fol. 111). Kompla jixhed hekk –

*Fil-fatt meta dhalna dak in-nhar filghodu sibna li minn gol-hanut fejn kienu qeghdin jiskavaw kienu illinkjaw ghal gox-shelter u kienu qed jitfghu t-terrapin, biex ma johorgux it-terrapin minn barra prattikament kienu qed jitfghuh go dan ix-shelter, jigifieri kienu qed jibblukkawh…. Kienu wkoll kisru parti, qattghu parti mill-blat fejn taghti ghat-tunnel tad-drenagg, jigifieri fil-fatt id-drenagg kien miftuh, u … kien hemm il-gibja ta' taht il-funtana … tal-unicorn, tal-kantuniera, li kisrulha l-gimbja taghha u kienet mimlija terrapin ukoll.*

Maurice Grixti, l-ufficjal tas-sigurta` xehed (minn fol. 116 et seq) illi fit-2 ta' Settembru 2005 huwa kien mar idur mal-bini sabiex jara minn fejn kienu gejjin il-hsejjes tal-jigger. Huwa mar hdejn il-hanut u '*ghamilt widnejja mal-bieb, dan il-bieb tat-210 Merchants Street, u stajt nisimghu car din id-darba. Habbat fuq il-bieb u minnu hargu zewg haddiema … ghidtilhom x'intom taghmlu dawn qabdu, hargu, marru jigru, nizlu x-shutter u bqajna hekk*'. Meta l-kerrejja tal-hanut intalbu juru l-hanut, Grixti kien prezenti u ra l-post. Huwa xehed illi '.. *rajna li kien qed jintuza jigger, kien qed jitqatta' hafna blat*'. Grixti jkompli jixhed illi '*rajt li kien hemm dan il-famuz jigger, kien hemm hafna blat imqatta' frisk, kien hemm riha tintenn ta' drainage, apparentement ghax kien hemm xi katusi tal-main drainage mifqughin*'. Jghid illi fil-gurnata ta' l-ispezzjoni kien dahal ukoll fix-shelter min-naha tal-Ministeru tas-Sahha fi Strada Merkanti u nizlu taht l-art. Huwa xehed illi f'dan il-post kien qed '*jintefa' l-materjal minn fuq ghal isfel*' u li kien hemm '*heap kbir ta' materjal maqtugh frisk li huwa gebel maqtugh minn dan il-hanut, u fosthom innotajt li kien hemm dan it-tip ta' handles u dan it-tip ….li jaghmlu ma xi satchels* (esebiti a fol. 122) … *u hadt wahda biex inzommha …. ghar-records*'. Huwa kompla jixhed illi dawn il-handles '*sibnihom ma nafx kemm il-sular 'l isfel, fil-heap ta' blat imwaqqa isfel fix-shelter. Meta tlajna fuq fil-hanut sibna wkoll magna antika*

*li kienet tippressa dawn it-tip ta' handles fuq is-satchels* …' Rigward it-tqattiegh ta' l-art tal-kantina, Grixti xehed li l-art tbaxxiet '*xi tnejn jew tlett filati*'.

Michael Vella, impjegat mad-Dipartiment tax-Xogholijiet, xehed hekk–

*Ghall-habta ta' Lulju tas-sena l-ohra, waqt li konna qed niffilmjaw programm ta' xi haddiehor, sibt skoss terrapin six-xhelter in-naha ta' Strada Merkanti. …. Dan it-terrapin kien qed jimblokka kompletament il-parti tax-shelter u ma stajtx inkompli*. (fol. 105) … *Fit-terrapin ahna sibna handles tal-bagalji u affarijiet ohra li ghandhom x'jaqsmu ma` handles tal-bagalji. Fl-istess hanut Strada Merkanti kien hemm il-magna li taghmel l-istess affarijiet bil-pressa.* (fol. 106)

Mark Anthony Mifsud, Assistent Kuratur, xehed illi hu u l-principal tieghu marru fil-hanut in kwistjoni. Fuq il-post kien hemm ukoll ufficcjali tal-Fondazzjoni attrici u tal-MEPA. Huwa jghid li '*fil-post kien qed isir xoghol estensiv ta' skavar. Tnehhiet l-art originali, tnehhiet il-hamrija u kien qed jitbaxxa l-livell billi jitnehha l-materjal. Dan kien jidher mill-genb tal-post. Kien hemm l-ghodda fuq il-post li tindika li kien qed isir dan ix-xoghol. F'kantina minnhom fil-genb kien jidher li qed isir ukoll tqattiegh tal-blat biex ikoooompli jitbaxxa l-livell tal-hanut*'. (fol. 95-96 tal-process)

Il-konvenut Albert Fenech xehed illi l-kanal tad-drenagg kien ghattih missieru snin twal qabel u li dan fil-fatt kien mikxuf. Xehed ukoll illi ma missewx strutturi fil-hanut u l-kantina tieghu izda kulma ghamlu kien li naddfu l-art. Xehed ukoll illi l-bir jew ic-cisterna li parti minnu l-atturi qeghdin jallegaw li kissirha l-konvenut bix-xogholijiet li kien qed jaghmel, kienet diga' mkissra. Huwa xehed illi din il-parti tal-bir kienet tkissret meta saru x-shelters fiz-zmien il-gwerra. Huwa xehed illi mbaghad dan il-bir ittella' b'hajt. Huwa jkompli jixhed illi huma fil-fatt nehhew dak il-hajt li kien ittella' mal-bir biex jinvellaw l-art '*ghax l-art kienet qeghda qisha lenbut u l-kanal fin-nofs ghad-drenagg. Dan qatghuh, kissruh u hekk biex gabuh dritt,*

*livell dritt u isfel, il-parti t'isfel peress illi l-bir qanpiena allura l-parti t'isfel kienet intlaqtet minn hawnhekk jigifieri u gebel kien hemm*'. (fol. 144 et seq.) Meta xehed, il-konvenut ghamel enfasi li huma ma qattghux blat izda nehhew irdim. Dan l-irdim ma setax jitnehha bi xkupa ghaliex kien oggett solidu. Albert Fenech cahad li l-irdim tnehha b'*jack hammer* (ara fol. 149).

Jirrizulta li dwar dan il-punt, Duncan Fenech (iben il-konvenut) tkellem <u>diversament</u> mal-pulizija.

Infatti fl-istqarrija li ghamel lill-pulizija nhar l-1 ta' Gunju 2006 jirrizulta li stqarr hekk –

*Meta konna qeghdin innehhu t-torba mill-kantina, kien hemm post fejn kien hemm il-blat fil-wicc u ahna qattajnieh biex nillivellaw l-art* ... *bhala metru kubu ma nafx ezatt izda zgur mhux area kbira, bejn wiehed u iehor area ta' tlett metri b'zewg metri u gholi ta' ftit pulzieri, erba' pulzieri.*

Quddiem il-Qorti, l-istess Duncan Fenech xehed '*ahna konna bl-idea li nnaddfu l-art mit-terrapien u ngibuha livell … l-ahhar parti ta' gewwa, hajt hdejn il-bir hdimna b'jigger zghir*, *oggett heavy duty*.'

Mistoqsi mill-Pulizija jekk meta kien qed iqatta` l-blat porzjon kbir tal-gibja saritilha l-hsara, Duncan Fenech stqarr '*le mhux porzjon kbir izda meta kien qieghed isir ix-xoghol infidna go fiha, saret fetha li d-diametru taghha kien ta' madwar metru. Din infidna fiha mhux meta konna qeghdin inqattghu l-blat izda meta nehhejna t-torba u l-gebel li kien hemm*' (fol. 134 et seq)

Ir-relazzjoni tal-perit tekniku AIC Joseph Ellul Vincenti tirrizulta esebita minn fol 186 et seq). Il-perit tekniku zamm zewg accessi: wiehed fil-hanut u l-kantina tieghu, u l-iehor fil-bokka tax-shelter li tinsab fil-bini tad-Dipartiment tas-Sahha, Triq Merkanti, Valletta.

L-ewwel access sar fl-14 ta' Mejju 2008 u kien jirrigwarda l-hanut u l-kantina.

Fost osservazzjonijiet ohra, jinghad hekk fil-verbal tal-perit tekniku -

1. il-livell ta' l-art ta' l-ewwel kantina kien tbaxxa gholi ta' ftit anqas minn zewg filati mentri l-art tat-tieni kantina kienet tqattghet b'xi ghodda u tnizzlet livell ta' circa tlett filati tant li s-saqaf tas-subway (minn fejn jghaddi d-drenagg) tnehha ghal kollox u dan gie bla saqaf.

2. Volum konsiderevoli ta' materjal u tqattiegh ta' blat waqa fis-subway tant li kien qed jostakola il-flow tad-drenagg u qed jikkawza intiena kbira fil-fond.

3. Fir-rigward tal-bir li ghandu forma ta' qanpiena (u li skond l-atturi kien antik hafna), dan kien sfrundat fil-parti li tigi fejn sar it-tqattiegh ta' blat. It-tqattiegh tal-blat kien jidher ricenti (dan il-bir '*jinsab mimli sal-livell tal-kantina b'materjal cioe' blat li jidher li tqatta` recentement*). Kif ukoll li 'l-*perimetre wall ta' dan il-bir ghandu bicca sew minnu nieqsa tant li dan il-bir ma jistax jintuza*'.

It-tieni access sar fit-28 ta' Mejju 2008 u kien jirrigwarda x-xelter li l-bokka tieghu kienet tibda mill-bini tad-Dipartiment tas-Sahha fi Triq il-Merkanti, Valletta.

Fost osservazzjonijiet ohra, jinghad hekk fil-verbal tal-perit tekniku -

Huwa nizel tmienja u sittin (68) targa. Aktar milli xelter, il-perit tekniku jghid li dak '*fil-fatt hu passagg antik hafna li jghaqqad diversi partijiet tal-Belt flimkien'*. Huwa jghid illi ma setax jidhol 'il gewwa fil-fond f'dan il-passagg ghax dik il-parti mnejn acceda hu '*tinsab imblokkata b'materjal li kien jikkonsisti f'terrapin, xorok miksura, hgieg imkisser, handles* ta' *bagalji u partijiet ohra ta' bagalji*'.

Ir-riassunt tal-perit tekniku kien fis-sens li rrizulta li mill-ewwel kantina tnehha terrapin, filwaqt li mit-tieni kantina tqatta' blat sostanzjali minnha. Waqt li kien qed jitqatta dan il-blat, infaqa' il-genb tal-bir u tkissret parti minnu – dik

bil-kulur orangjo fuq il-pjanta a fol. 201 tar-rapport. Il-perit tekniku jsostni li '*llum tezisti fetha kbira fil-genb tal-bir*'.

Dwar il-hsara fis-subway tad-drenagg, il-perit tekniku '*jikkonferma illi bit-tqattiegh tal-blat li sar ….saret hsara kbira lill-mina, subway tad-drenagg li qabel kienet maqtugha fil-blat u issa spiccat bla saqaf*. Inoltre '*l-blat li tqatta' kif ukoll terrapin li kien fuq il-post waqa' fis-subway u illum qed jostakula l-flow ta' ilma u drenagg u qed jikkawza intejjen kbar fil-fond'*. Isostni li '*diversi meded ta' katusi tad-drenagg gew maqlugha jew imkissra waqt li kien qed isir it-thaffir tal-blat u tnehhija ta' materjal*'.

Jidher li mhux kontestat illi waqa terrapin fis-subway tad-drenagg ghaliex il-konvenut ma inghatax l-opportunita' li jnaddaf dan is-subway ghaliex qalulu biex jieqaf mix-xoghol fil-kantini tal-hanut.

Il-perit tekniku jikkonferma li t-tqattiegh tal-blat jew parti sostanzjali minnu intefa` fil-bir li ghandu forma ta' qanpiena sakemm il-wicc tal-materjal fil-bir gie fl-istess livell ma` dak tal-kantina.

Il-perit tekniku jikkonkludi li '*jidher bic-car li bit-tqattiegh tal-blat u tfiegh ta' l-istess blat fil-bjar jew shafts jew drenagg, giet ikkagunata hsara kbira u estensiva u f'certi kazi irriversibbli*.

Skond il-perit tekniku, kienu x-xogholijiet tal-konvenut li kkagunaw dik il-hsara kollha.

**Ikkunsidrat –**

**<u>Ir-Risultanzi</u>**

Fid-**<u>DOK JEV/A a fol 199 u 200</u>** tal-process, il-perit tekniku elenka x-xogholijiet rimedjali li kellhom jigu ezegwiti fid-diversi ambjenti fejn saret il-hsara mill-konvenut. A skans ta' repetizzjoni taghmel riferenza ghalihom.

Din il-Qorti tghid li konsiderazzjonijiet u konsegwenti konkluzjonijiet ta’ natura teknika da parte ta’ perit mahtur mill-Qorti bhal dawk li saru fil-kaz tal-lum jikkostitwixxu prova ferm importanti ghall-gudikant biex ikun jista’ jasal ghad-decizjoni tieghu.

Dwar il-konkluzjonijiet ta’ espert tekniku, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tad-19 ta’ Novembru 2001 fil-kawza **“Calleja vs Mifsud”** irriteniet li -

*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta' fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero', huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta' natura teknika li ma setghax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta' natura teknika.*

Dan l-insenjament huwa rilevanti u japplika ghall-kaz tal-lum. Ghalkemm ir-relazzjoni tal-perit tekniku kienet ghal kollox sfavorevoli ghall-konvenut, dan ghazel li ma jressaqx talba ghall-hatra ta’ periti teknici addizzjonali u llimita ruhu li fl-ewwel lok jeskuti lill-perit tekniku u fit-tieni lok iressaq sottomissjonijiet bil-miktub. Fis-sentenza taghha moghtija fil-25 ta’ Settembru 2003 fil-kawza “**Grech et vs Grech et” –** din il-Qorti diversament presjeduta rriteniet li -

*Bil-ligi u b'harsien tal-massima dictum expertorum numquam transit in rem judicatam, il-Qorti mhix marbuta li*

*taccetta l-konkluzjonijiet tar-rapport tal-perit mahtur minnha kontra l-konvinciment taghha nfisha. Imma l-fehmiet ta' perit mahtur minn qorti u maghmula f'rapport imressaq minnu m'humiex semplicement opinjonijiet izda jikkostitwixxu prova ta' fatt, specjalment f'oqsma fejn il-hatra tkun dwar hwejjeg teknici. Fehmiet bhal dawk m'ghandhomx, l-aktar fejn parti ma tkunx irrikorriet ghall-hatra ta' periti addizzjonali, tigi mwarrba kif gieb u lahaq, sakemm ma jkunx jidher soddisfacentement li tali fehmiet huma, fil-kumpless kollu tac-cirkostanzi, irragonevoli.* (ara wkoll – **"Bugeja et vs Muscat"** – Appell Kummercjali – 23 ta' Gunju 1967).

Din il-Qorti tghid li l-mertu tal-kawza tal-lum huwa principalment impernjat fuq konsiderazzjonijiet teknici, u mhux biss fuq apprezzament tal-provi prodotti f'kuntest legali. In partikolari, sabiex hejja r-rapport tieghu, il-perit tekniku acceda ghal darba, darbtejn fl-ambjenti fejn saru x-xogholijiet mill-konvenut u kkonstata l-effetti li gabu maghhom dawk ix-xogholijiet fuq il-propjeta' tal-atturi. Il-perit tekniku fisser fid-dettall ir-ragunijiet li wasslu ghall-konkluzjonijiet tieghu. Din il-Qorti tqis ragonevoli u ben sostnuti l-osservazzjonijiet tal-perit tekniku u l-konkluzjonijiet tieghu. Ghalhekk jimmerita li taghmilhom taghha.

Din il-Qorti hija **<u>moralment certa</u>** li sar tqattiegh ta' blat mill-konvenut fil-kantina taht il-hanut li kien qed jikri fejn l-art tbaaxxiet bi tlett filati u li kien hemm ammont sostanzjali ta' blat illi kellu jintrema' wara dan it-tqattiegh. Irrizulta sal-grad rikjest mil-ligi li l-materjal li ntrema fil-bir f'forma ta' qanpiena u l-materjal mormi fil-passagg jew xelter kien provenjenti mill-kantini tal-hanut in kwistjoni. Ix-xhud Duncan Fenech jistqarr illi nifdu metru fil-parti tal-bir izda fl-istess hin jghid illi dan it-tniffid sar mhux meta kienu qed iqattghu l-blat izda meta kienu qed inehhu l-gebel. Ghal din il-Qorti, dan ma jaghmilx sens, izjed u izjed meta Fenech stess jghid illi hdejn il-bir kienu uzaw *jigger*. Albert Fenech ukoll mhux kredibbli ghax filli jaccetta li tqatta' l-blat fil-kantini tal-hanut u mbaghad ighid ghal diversi drabi illi qatt ma tqatta' blat izda tnehha biss terrapin. Mhux kontestat li nstabu bcejjec ta' accessorji ta'

*satchels* u li l-magna li twahhal dawn il-bcejjec kienet tinsab fil-hanut mikri lill-konvenut. Din hija prova ohra irrifjutabbli li turi illi dak li kien hemm fil-hanut jew fil-kantini tieghu gew mormija fix-xelter li l-bokka tieghu kienet fis-sottoswol tad-Dipartiment tas-Sahha fi Strada Merkanti, Valletta. Dwar is-shaft numru tnejn jew inkella well number 3, il-perit tekniku, kemm fir-relazzjoni tieghu, kif ukoll fir-risposti in eskussjoni, jghid illi ma setax jikkostata b'certezza jekk dan ix-shaft giex kollu mirdum mill-konvenut jew le. Din il-Qorti tghid pero' minghajr l-icken esitazzjoni li fuq bazi ta' probabilita` dak is-shaft ukoll imtela` u gie imblukkat bil-materjal provenjenti mill-kantini tal-hanut in kwistjoni.

Fuq l-iskorta ta' dawn il-fatti accertati, din il-Qorti taqbel pjenament mal-perit tekniku li jikkonkludi illi kienu x-xogholijiet tal-konvenut li wasslu ghall-hsarat kollha riskontrati. Anke wara li tat il-konsiderazzjoni dovuta lis-sottomissjonijiet tal-konvenut esposti fin-nota tieghu, din il-Qorti ma ssibx ragunijiet fondati ghaliex ghandha tiddiskosta ruhha mill-konkluzjonijiet peritali. Anzi ssib konfort ghall-fehma taghha fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Frar 2001 fil-kawza **"<u>Camilleri noe vs Debattista</u>"**, fejn jinghad hekk -

*Ikun pruzuntuz ghall-gudikant illi jiddipartixxi bla raguni verament valida mir-relazzjoni teknika. Dan mhux biss ghax ma kellux il-mezzi ghad-disposizzjoni tieghu biex serenament jinoltra ruhu fl-aspetti teknici tal-mertu, imma wkoll ghaliex necessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza mehtiega biex, b'mod kritiku, jasal ghal konvinciment divers minn dak li jkun wasal ghalih l-espert nominat minnu.*

In tema legali, il-posizzjoni taz-zewg atturi fil-kawza tal-lum hija differenti. Fil-kaz tad-Direttur tal-Artijiet, l-azzjoni hija *ex contractu* waqt li fil-kaz tal-Fondazzjoni attrici l-azzjoni hija dik ghal *culpa aquiliana.* Fiz-zewg kazi, pero` l-principji li jirregolaw is-sejbien tal-htija u li jaghtu lok ghal risarciment ta' danni huma prattikament l-istess.

Fil-kaz tal-lum huwa assodat li l-konvenut ipproceda bix-xoghol bla ma kellu l-kunsens tad-Direttur tal-Artijiet u minghajr ma kellu l-permessi mehtiega tal-MEPA. Huwa principju baziku ta' dan il-qasam tad-dritt li huwa obbligu ta' kull persuna li jkun qed jizviluppa sit li jiehu dawk il-prekawzjonijiet kollha biex jigi evitat hsara lil haddiehor. Fil-kaz tal-lum, la hsara ghad-dannu tas-sid u lanqas versu terzi. Irrizulta li l-konvenut ma ha l-ebda prekawzjonijiet biex jassikura li ma ssirx hsara inutili lil hadd. Kif hareg car mir-relazzjoni peritali, il-konvenut esegwixxa x-xogholijiet kontra dak li titlob l-arti u s-sengha u minghajr il-permessi mehtiega.

Hu wkoll ben assodat f'bosta decizjonijiet illi "*si ha la colpa ed il quasi delitto quando vi ha la violazione di un dovere od una volontaria ommissione di diligenza, per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od ommissione, e si viola il diritto altrui senza volerlo, ed anche senza avvedersene*" (**Vol. XXIV. I. 172). ** Fil-kaz tal-lum, irrizulta li fl-ghemil tieghu l-konvenut ma uzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja u ghalhekk ghandu jwiegeb ghad-danni li garrbu l-atturi.

Il-ligi tirregola kif sid imexxi hwejgu. Inghad infatti fil-kawza "**Bugeja vs Washington**", deciza mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Mejju, 1897, li d-dritt tas-sid *di usare liberamente del suo fondo e di farsi le modificazioni che crede convenienti cessa la ove si reca grave molestia al vicino"*. Fil-kaz tal-lum, il-konvenut irnexxielu jmur oltre ghaliex bl-inizjattiva tieghu, li kienet abbusiva, thares mnejn thares lejha, injora kull element ta' prudenza fil-harsien ta' hwejjeg haddiehor. Il-konvenut, qies biss l-interessi tieghu, u agixxa bla ma qies il-jeddijiet ta' haddiehor. Ghalhekk ghandu jwiegeb ghad-danni li kkaguna.

Din il-Qorti tghid li l-ewwel erba' talbiet huma fondati u se jkunu akkolti. Pero' tqis l-ahhar talba bhala inutili u legalment insostenibbli ghaliex huwa principju ta' civilita` u ta' dritt li hadd m'ghandu jaghmel hsara lil haddiehor u allura fil-kaz li jaghmel hekk iwiegeb ghall-konsegwenzi.

Ghalhekk it-talba ghal inibizzjoni permanenti kif pretiz mill-atturi ma ghandha l-ebda fondament fid-dritt u ghalhekk qed tkun respinta.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut –**

**Fl-ewwel lok, tilqa' l-ewwel talba.**

**Fit-tieni lok, tilqa' it-tieni talba u tiddikjara li r-riparazzjonijiet li huma necessarji sabiex tigi rimedjata l-hsara kkagunata mill-konvenut huma dawk elenkati fid-dokument markat JEV/A a fol 199 u 200 tal-process**.

**Fit-tielet lok, tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lill-konvenut sabiex, fi zmien xahrejn mil-lum u a spejjez tieghu, jaghmel ir-riparazzjonijiet kollha elenkati fid-dokument markat JEV/A a fol 199 u 200 tal-process taht is-supervizjoni tal-AIC Joseph Ellul Vincenti, li din il-Qorti qed tahtar ghal dan l-iskop.**

**Fir-raba' lok, tilqa' r-raba' talba u tawtorizza lill-atturi sabiex, fil-kaz li l-konvenut jonqos milli jezegwixxi r-riparazzjonijiet fuq riferiti fiz-zmien lilu prefiss, jezegwixxu huma dawk ir-riparazzjonijiet a spejjez tal-konvenut taht is-supervizjoni tal-istess AIC Joseph Ellul Vincenti.**

**Fil-hames lok, tichad il-hames talba attrici.**

**Fis-sitt lok, tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta' din il-kawza u tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 1798/2005 GC.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------